

Brussell, 21 ta' Ġunju 2023
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0195(COD)

10867/23
ADD 1

ENV 718
CLIMA 315
FORETS 74
AGRI 346
POLMAR 37
CODEC 1170

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10719/23
Nru dok. Cion:	10607/22 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mil-Latvja

Laqgħa tal-Kunsill Ambjent tal-20 ta' Ġunju 2023

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura

Il-Latvja tappoġġa l-għan ewlieni tal-proposta biex in-natura tingħieb lura madwar il-kontinent għall-benefiċċju tal-bijodiversità, tal-klima u tan-nies.

Madankollu, il-Latvja għandha tħassib dwar il-miri kwantitattivi obbligatorji ta' tixrib mill-ġdid u d-dispożizzjonijiet għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu (l-Artikolu 9, il-Paragrafu 4).

Fl-opinjoni tagħna, id-dispożizzjonijiet dwar it-tixrib mill-ġdid tal-ħamrija organika ser jaffettwaw b'mod sproprzjonat ċerti Stati Membri b'kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi.

Il-Latvja hija Stat Membru b'shem fost l-aktar baxxi ta' art agrikola (30% mid-daqs totali tal-art) fl-UE. Fl-istess ħin il-Latvja hija wieħed mill-ftit Stati Membri bl-ogħla sehem ta' ħamrija organika.

Barra minn hekk, il-ħamrija organika tinsab f'żoni żgħar u mifruxa mat-territorju kollu tal-Latvja. L-artijiet agrikoli u s-sistemi ta' skular tal-foresti huma interkonnessi u kkombinati f'sistema waħda kbira. Barra minn hekk, dawn it-territorji huma proprjetà tal-Istat, tal-muniċipalitajiet u ta' sidien privati.

Minħabba l-ispeċifitàjiet u ċ-ċirkostanzi partikolari, il-miri kwantitattivi u obligatorji għat-tixrib mill-ġdid ser jaffettwaw b'mod sinifikanti l-agrikoltura, li hija waħda mis-setturi ekonomiċi ta' prijorità fil-Latvja.

Matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent, il-Latvja kkondividiet ir-riżultati ta' rapporti evalwati bejn il-pari li vvalutaw l-adeqgatezza tat-tixrib mill-ġdid. Diversi rapporti kkonkludew li miżuri oħra ta' restawr (bħat-tisġir) jistgħu jkunu aktar xierqa f'ċirkostanzi speċifiċi u jkollhom benefiċċji klimatiċi sinifikanti.

It-tixrib mill-ġdid iżid ukoll l-emissjonijiet tal-metan, li huwa t-tieni l-aktar gass li jikkontribwixxi għall-effett ta' serra. F'xi każijiet, it-tixrib mill-ġdid jista' ma jikkontribwixxix għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi tal-LULUCF.

Barra minn hekk, minħabba l-ispejjeż għoljin u l-proċess teknikament sofistikat tat-tixrib mill-ġdid, il-Latvja tqis li t-tnaqqis tal-emissjonijiet meta jsir tixrib mill-ġdid ta' saff eħxen ta' ħamrija organika, bħall-*histosols*, bi ħxuna ta' 40 cm jew aktar, għandu valur akbar.

Id-disponibbiltà tal-finanzjament ser tkun prerekwiżit essenzjali biex jintlaħqu l-miri.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-UE, il-Latvja tappoġġa l-adozzjoni tal-Approċċ Ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent tal-20 ta' Ġunju 2023.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Malta

Malta tagħraf il-ħtieġa għal approċċ aktar ambizzjuż biex tiġi kkonservata n-natura u li dan ir-Regolament ser jikkontribwixxi għall-Qafas Globali tal-Bijodiversità kif ukoll itejjeb ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima.

Madankollu, Malta ssostni li l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament għandha tkun iffukata fuq dawk l-assi naturali li għalihom mhux qed tinkiseb protezzjoni mill-acquis Ewropew eżistenti. Malta hija mħassba dwar l-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament fuq iż-żona tal-blata kontinentali. Huwa importanti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-applikazzjoni tal-miżuri u li tali azzjoni tabilħaqq tikseb il-livell meħtieġ ta' protezzjoni.

Malta tifhem li l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill jagħti flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-miri għar-restawr tan-natura minqixin fl-Artikoli 4 u 5, inkluż in-nuqqas ta' deterjorament fuq l-art u fl-ilmijiet tal-baħar, kif ukoll in-nuqqas ta' telf nett għall-ekosistemi urbani sal-2030. Din il-flessibbiltà hija kruċjali peress li tippermetti lill-Istati Membri b'densitajiet għoljin ta' popolazzjoni u b'firxiet spazjali limitati bħal Malta jiddeterminaw il-perkors għall-kisba ta' dawn l-ambizzjonijiet mingħajr ma jikkompromettu l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali eżistenti fir-rigward tal-politiki ta' żvilupp nazzjonali. Aħna nemmnu li huwa tal-akbar importanza li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jfasslu b'mod effettiv il-Pjanijiet għar-Restawr tan-Natura tagħhom biex jindirizzaw il-problemi speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom.

Malta ser tistinka biex tiżgura li din il-flessibbiltà tibqa' fil-qalba tan-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar l-abbozz ta' Regolament dwar ir-restawr tan-natura

Il-protezzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tan-natura huma kompiti importanti għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u l-Polonja ilha snin taħdem biex tilħaq dawn l-għanijiet b'mod responsabbli. Huwa għalhekk li l-gvern Pollakk qed jieħu pożizzjoni kritika dwar l-abbozz ta' Regolament dwar ir-restawr tan-natura, filwaqt li jinnota li huwa impossibbli li jinkisbu l-miri estremament ambizzjużi li jinsabu fl-abbozz f'perjodu ta' żmien daqstant qasir. Xi wħud mill-azzjonijiet fl-abbozz ta' Regolament jirreplikaw soluzzjonijiet eżistenti f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' direttivi, iżda dawn is-soluzzjonijiet naqsu milli jagħtu r-riżultati maħsuba, kif jidher fir-rapporti tal-Kummissjoni.

Matul in-negozjati, li ilhom għaddejjin minn Ġunju 2022, verżjonijiet suċċessivi tat-test imxew fid-direzzjoni t-tajba għall-bidla, u għal dan il-Polonja tixtieq tiringrazzja kemm lill-Presidenza Ċeka kif ukoll lil dik Żvediża. Madankollu, il-formulazzjoni attwali tal-abbozz għadha tqajjem dubji raġonevoli. Il-Polonja tixtieq tiġbed attenzjoni partikolari lejn il-kwistjonijiet li jolqtu l-agrikoltura. Minkejja l-bidliet fit-test tar-Regolament b'rabta mal-ekosistemi agrikoli, il-miri stabbiliti għalihom ma jistgħux jintlaħqu. B'mod partikolari, in-naturalizzazzjoni mill-ġdid tat-torbieri skulati għadha punt ewlieni ta' tħassib. Fil-Polonja, il-maġġoranza l-kbira ta' din l-art bħalissa hija art bil-ħaxix permanenti, li hija proprjetà tal-bdiewa u tintuża għall-produzzjoni. It-tixrib mill-ġdid tagħha jfisser il-limitazzjoni tal-possibbiltajiet għall-użu agrikolu, li toħloq riskju għas-sigurtà tal-ikel u l-kompetittività tal-agrikoltura Pollakka u tal-UE. Il-Polonja hija partikolarment imħassba li l-implimentazzjoni tal-miri tar-Regolament ser teħtieġ bidliet fil-ġestjoni tat-territorju u l-użu tal-art, li jistgħu jwasslu biex operaturi ekonomiċi jkollhom ibiddu l-profil kummerċjali tagħhom jew biex persuni fiżiċi jkollhom ibiddu l-għajxien tagħhom.

Ta' min jinnota li l-abbozz ta' Regolament jagħti setgħat mifruxa lill-Kummissjoni Ewropea. Meta tivverifika l-adegwatezza, l-effettività u l-effiċjenza tal-passi meħuda mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ser tkun tista' titlob l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura addizzjonali determinata b'mod arbitrarju. Il-kriterji għal din il-valutazzjoni u, b'mod partikolari, il-proċedura biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn l-esperti tal-Istati Membru u l-uffiċjali tal-Kummissjoni mhumiex magħrufa. Ma saret ebda proposta dwar kif jiġi indirizzat nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u Stat Membru.

Fil-fehma tal-Polonja, il-finanzjament propost għal kompiti ambizzjużi bħal dawn ukoll mhuwiex biżżejjed, u l-ispejjeż – kif intwera matul il-ħidma – ġew sottovalutati b'mod sinifikanti. Il-Polonja konsistentement qajmet il-ħtieġa li jinholq fond dedikat għar-restawr tan-natura. L-uffiċċji u l-istituzzjonijiet li qed jimplimentaw is-soluzzjonijiet il-ġodda ser ikollhom bżonn persunal u appoġġ finanzjarju sinifikanti, li ma tqiesx fl-abbozz.

Ta' min jenfasizza wkoll li, fil-fehma tal-Polonja, huwa impossibbli li r-Regolament jiġi applikat direttament, u l-implimentazzjoni tiegħu tirrikjedi l-adozzjoni ta' bosta emendi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Fil-kuntest tal-gwerra dejjem aktar brutali tar-Russja, il-Polonja hija tal-fehma li huwa perikoluż li jiġu ppjanati attivitajiet bi spejjeż tant għoljin jew bidliet tant estensivi fil-mod kif jiġu ġestiti t-territorji, fosthom art involuta fil-produzzjoni tal-ikel jew is-sigurtà tal-enerġija, mill-perspettiva tal-istabbiltà ekonomika u soċjali tal-UE.